MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-10 ta' Settembru, 2004

Appell Kriminali Numru. 79/2004

**Il-Pulizija**

**vs**

**Andrew Palmier**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Andrew Palmier talli fid-19 ta' Dicembru, 1997 ghall-habta tas-7.00p.m., f'Bahar ic-Caghaq, limiti tan-Naxxar, saq vettura Nru. PAL-100

(1) b'manjiera perikoluza;
(2) traskurata;
(3) bla kont;

(4) b’nuqqas ta hsieb bi traskuragni u b’nuqqas ta tharis tar-regolamenti involontarjament ikkaguna hsarat fil-vettura Nru. BAP-167 ghad-dannu ta’ Mario Micallef;
(5) hsarat involontarji fil-vettura Nru. AAM-401 ghad-dannu ta’ Gordon Mayo;
(6) fl-istess incident involontarjament ikkaguna offizi ta’ natura gravi fuq il-persuni ta’ Mario Micallef, Carl Micallef, u Daniela Casha skond kif iccertifikaw Dr.Andrew Camilleri M.D., Dr. Adrian Micallef M.D. u Dr. Mariella Caruana M.D. rispettivament;
(7) involontarjament ikkaguna offizi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Sonia Micallef u Roberta Micallef skond kif iccertifika Dr. Robert Chircop M.D.;

Il-Prosekuzzjoni talbet li jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-17 ta’ Marzu 2004 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Andrew Palmier mhux hati tal-hames imputazzjoni u minnha lliberatu filwaqt li sabitu hati ta' l-imputazzjonijiet l-ohra kollha u kkundannatu ghall-hlas ta' multa ta' mitt lira (Lm100) u ghall-iskwalifika milli jzomm licenzja tas-sewqan ghal perijodu ta' disa' xhur mid-data ta' dik is-sentenza;

Rat ir-rikors ta’ appell tad-29 ta’ Marzu 2004 ta’ l-imsemmi Andrew Palmier li permezz tieghu talab li din il-Qorti, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata f’dik il-parti taghha fejn sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet lilu addebitati, tirriforma u tvarja l-istess sentenza f’dik il-parti taghha li tikkoncerna l-piena billi tapplika piena inqas onoruza u partikolarment li s-sospensjoni tal-licenzji tas-sewqan tkun wahda minima kif permess mil-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni ta' Dott. Joseph J. Vella ghall-appellant u ta' Dott. Anthony Barbara ghall-appellat;

Ikkunsidrat:

Dan l-appell huwa limitat ghall-piena. L-aggravji ta' l-appellant f'dan ir-rigward huma s-segwenti:

1. Illi ilu jistenna kwazi seba' snin sabiex tigi deciza l-kawza u f'dan iz-zmien huwa nzamm fi stat ta' incertezza;
2. Illi l-piena nflitta mill-ewwel Qorti mhijiex proporzjonata mad-dinamika ta' l-incident u lanqas mal-fatt li dan kien l-ewwel incident tat-traffiku li fih kien involut;
3. Illi huwa llum jahdem bhala *surveyor* ma' ditta ewlenija ta' l-assigurazzjoni u ghalhekk jehtieg li jkollu licenzja tas-sewqan sabiex ikun jista' jaqdi x-xoghol tieghu.
Din il-Qorti se tittratta dawn l-ilmenti fl-ordni li nghataw.

Dwar il-kwistjoni tat-trapass taz-zmien, din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et** moghtija fit-2 ta' Ottubru 2002 qalet hekk:

*"Issa apparti li kif gie spjegat aktar 'il fuq f'din is-sentenza l-appellanti jew uhud minnhom kienu huma stess il-kagun ta' parti miz-zmien li fih twal il-process, il-fattur tat-trapass taz-zmien ma jnaqqas xejn mir-responsabbilta` kriminali tal-hati (ara: Ir-Republika ta' Malta vs Joseph Attard (24.7.2000) u Ir-Republika ta' Malta vs Joseph Attard u Angelo Attard (24.7.2000)).*

*Jista' pero` f'xi kazi jigi konsidrat ghall-fini tal-piena kif gie ritenut fil-kazijiet appena citati u kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza 'Il-Pulizija vs Geoffrey Azzopardi' (29.1.2001) ghalkemm f'din l-ahhar sentenza l-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti biex varjat il-piena ma kinux limitati biss ghal dik tat-trapass taz-zmien imma kienu wkoll bazati fuq motivazzjoni ohra.*

*Illi fil-fehma ta' din il-Qorti t-trapass taz-zmien jista' jagevola lill-persuna akkuzata ghall-fini ta' piena meta huwa juri li tul dak iz-zmien hu jkun zamm lura mill-ksur serju tal-ligijiet u wera certu impenn biex jirriforma. Il-bqija tkun ingustizzja li xi hadd jibbenefika minn tul ta' zmien zejjed fil-process specjalment jekk dak it-tul ikun in toto jew in parti kagunat jew provokat minnu stess - kif gara f'dan il-kaz - u dana a skapitu ta' dawk l-akkuzati li l-*

*process taghhom jinqata' aktar malajr ghal raguni jew ghal ohra."*

Fil-kaz odjern id-dewmien inizjali kien dovut ghall-fatt li, ghalkemm il-kollizjoni in kwistjoni grat fid-19 ta' Dicembru 1997, ic-citazzjoni nharget mill-Pulizija Ezekuttiva biss fid-19 ta' Novembru 1999 ghal seduta fil-15 ta' Dicembru 1999 u l-appellant (allura imputat) gie notifikat fis-6 ta' Dicembru 1999. Sfortunatament bejn dik l-ewwel seduta u Ottubru tas-sena 2003 ftit jidher li sar progress. Din il-Qorti ma tistax ma tinnotax pero` li minhabba nuqqas ta' diversi verbali lanqas ma hi f'pozizzjoni li tistabilixxi l-andament preciz tal-kawza. Difatti, ghalkemm l-ewwel seduta tidher li kienet fil-15 ta' Dicembru 1999, ma hemm l-ebda verbal dwar tali seduta u l-ewwel verbal jirreferi ghal seduta mizmuma fl-24 ta' Jannar 2001. Imbaghad ghalkemm f'din id-data l-kawza giet differita ghall-14 ta' Marzu 2001, il-verbal sussegwenti huwa ta' l-4 ta' Settembru 2002 meta deher Dott. Joseph Zammit McKeon li, flimkien mal-prosekuzzjoni, infurmaw lill-Qorti li seduti kienu qeghdin jinzammu regolarment. Dan huwa l-ewwel hjiel li f'din il-kawza kien gie nominat espert. Wara li nghatat din l-informazzjoni, il-kawza thalliet ghas-27 ta' Novembru 2002 meta dehru Dott. L. Bianchi u l-perit legali Dott. V. Galea. Il-kawza giet differita ghad-19 ta' Frar 2003, izda l-verbal sussegwenti huwa ta' l-14 ta' Mejju 2003 meta l-inkarigu tal-perit legali gie sospiz u gie ordnat jirritorna l-process, flimkien mat-traskrizzjoni tax-xiehda mismugha, fis-seduta li tmiss, dik tat-3 ta' Settembru 2003. Jekk inzammitx din is-seduta jew le ma jirrizultax peress li l-verbal huwa nieqes ukoll, bhalma huma neqsin it-traskrizzjonijiet tax-xiehda mismugha mill-perit legali. Biss jidher li din il-kawza giet assenjata lill-Qorti tal-Magistrati diversament presjeduta u nzammet l-ewwel seduta fl-10 ta' Ottubru 2003. Minn hemm 'il quddiem il-kawza pprocediet, instemghu x-xhieda kollha minn dik il-Qorti kif diversament presjeduta u nghatat is-sentenza appellata fis-17 ta' Marzu 2004.

Dan kollu qieghed jinghad peress li l-process li jingab a konjizzjoni tal-Qorti ta' l-Appell ghandu jkun wiehed <u>shih</u>, bil-verbali tas-seduti <u>kollha</u> li jkunu nzammu u anke dawk

li ma nzammux, bir-raguni ghad-differiment. Dan huwa necessarju sabiex din il-Qorti tkun tista' taghmel kull valutazzjoni mehtiega fir-rigward ta' l-aggravji li jistghu jitqajmu fi stadju ta' appell. Ir-Registratur ghandu ghalhekk jaghti l-istruzzjonijiet mehtiega sabiex din il-Qorti ma jkollhiex ghalfejn terga' taghmel dawn l-istess osservazzjonijiet fil-futur.

Minn dak li jirrizulta mill-process pero`, jidher li l-ewwel darba li saret xi oggezzjoni fil-konfront ta' l-andament tal-perizja kien fl-14 ta' Mejju 2003, jigifieri kwazi tliet snin u nofs wara li kienet bdiet il-kawza. Difatti mill-verbal ta' dik is-seduta jirrizulta li gie revokat l-inkarigu tal-perit legali proprju fl-14 ta' Mejju 2003 wara li l-ewwel Qorti semghet lill-partijiet. Ma tistax din il-Qorti ma tistaqsix ghaliex ma saritx oggezzjoni ferm qabel - jekk saret, dan ma jirrizultax mill-atti. Wara r-revoka ta' l-inkarigu l-kawza certament imxiet b'aktar speditezza. Ghalhekk, u anke fid-dawl tal-gurisprudenza citata, it-trapass taz-zmien minn meta sehh l-incident in kwistjoni ma jistax wahdu jittiehed bhala fattur determinanti ghal xi riduzzjoni fil-piena. Ir-responsabbilta` kriminali tibqa'.
Dwar it-tieni lment irid jinghad li l-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[1]. Jekk inzammitx proporzjonalita` mill-ewwel Qorti bejn il-piena u d-dinamika ta' l-incident jiddependi mill-apprezzament li dik il-Qorti ghamlet tal-provi, apprezzament li dwaru ma saret l-ebda kontestazzjoni. U meta jigu ezaminati l-pieni rispettivi ghall-imputazzjonijiet kollha li taghhom l-appellant instab hati, ma jistax jinghad li ma nzammitx certa proporzjonalita`. Difatti, il-piena ghall-ewwel tliet imputazzjonijiet skond il-ligi vigenti meta sehh l-incident in kwistjoni kienet ta' multa ta' mhux izjed minn mitt lira (Lm100) jew tal-prigunerija ta' mhux izjed minn tliet xhur. B'zieda ma' din il-piena, f'kaz ta' sewqan bi traskuragni kbira jew b'mod perikoluz, il-Qorti "ghandha tiskwalifika lill-hati milli jkollu jew milli jikseb licenza tas-sewqan, f'kaz ta'

[1] Ara, per ezempju, Appell Kriminali **il-Pulizija vs Andrew George Stone** 12 ta' Mejju 2004.

l-ewwel kundanna, ghal zmien ta' mhux anqas minn tliet xhur"[2]. Ghar-raba' imputazzjoni l-piena hija ta' prigunerija ghal mhux izjed minn tliet xhur jew il-multa jew il-pieni tal-kontravvenzjonijiet[3]. Ghas-sitt imputazzjoni l-piena hija ta' prigunerija ghal mhux izjed minn tliet xhur jew multa ta' mhux izjed minn hames mitt lira (Lm500)[4]. Filwaqt li ghas-seba' imputazzjoni l-piena hija dik stabbilita ghall-kontravvenzjonijiet[5]. L-ewwel Qorti mponiet multa ta' mitt lira (Lm100) u ordnat l-iskwalifika mil-licenzji ghal perijodu ta' disa' xhur. Din il-Qorti tirribadixxi li ma tara l-ebda nuqqas ta' proporzjonalita` f'incident li seta' kellu konsegwenzi ferm aktar serji.

Il-punti l-ohra sollevati mill-appellant huma li dan kien l-ewwel incident tat-traffiku li fih kien involut l-appellant u li llum qieghed jahdem bhala *surveyor* ma' ditta ta' assigurazzjoni u ghalhekk jehtieg il-licenzja tas-sewqan sabiex jaqdi x-xoghol tieghu.

Din il-Qorti ezaminat l-fedina penali aggornata ta' l-appellant mnejn jirrizulta li din hija nettissima. Jigifieri sew qabel l-incident *de quo* kif ukoll wara, u allura ghall-ahhar sitt snin u nofs, ma jirrizultax li l-appellant qatt xilef difrejh mal-ligi. Apparti dan, ix-xoghol li ghandu l-appellant huwa wiehed ta' fiducja u ta' responsabbilta` u tifhem il-htiega li jkollu tal-licenzja tas-sewqan biex ikun jista' jmur minn post ghall-iehor biex jaghmel *surveys* ta' vetturi. Mill-banda l-ohra l-appellant irid jifhem li incident bhal dak li fih kien involut u li, din il-Qorti tirribadixxi, seta' kellu konsegwenzi ferm aktar serji, ma jistax jibqa' impunit. Wara li din il-Qorti hasbet fit-tul fuq ic-cirkostanzi tal-kaz, fuq is-sottomissjonijiet tal-partijiet u fuq l-attenwanti appena msemmija, hija tal-fehma li ghandu jkun hemm tnaqqis fil-perijodu ta' skwalifika tal-licenzji tas-sewqan izda mhux li titnehha ghal kollox tali skwalifika.

Ghal dawn il-motivi:

---

[2] Artikolu 15(1)(2) tal-Kap 65 kif vigenti fl-1997.
[3] Artikolu 328(d) tal-Kap 9.
[4] Artikolu 226(1)(b) tal-Kap 9.
[5] Artikolu 226(1)(c) tal-Kap 9.

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li filwaqt li tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellant mhux hati tal-hames imputazzjoni u in kwantu sabitu hati ta' l-imputazzjonijiet l-ohra kollha, kif ukoll tikkonfermaha in kwantu kkundannat lill-appellant ghall-hlas ta' multa ta' mitt lira (Lm100), thassarha in kwantu skwalifikat lill-appellant milli jzomm licenzja tas-sewqan ghal perijodu ta' disa' xhur u minflok tiskwalifikah milli jzomm licenzja tas-sewqan ghal perijodu ta' sitt xhur, liema perijodu jibda jiddekorri minn nofs il-lejl u minuta ta' ghada. Fl-ahharnett, in vista ta' l-osservazzjonijiet li ghamlet hawn fuq din il-Qorti, tordna komunika ta' din is-sentenza lir-Registratur tal-Qrati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------